MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Numru 388/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**v**

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **OMISSIS** ta’ hamsa w erbghin sena **OMISSIS** giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

a. Fil-Mosta nhar s-sbatax ta’ Mejju 2004 ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar u/jew fix-xhur ta’ qabel b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, abbandunat u/jew halliet esposta lit-tifla minuri taghha **OMISSIS** ta’ sitt snin;

b. Talli saret recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi tal-Qrati Maltin datati sebgha w ghoxrin ta’ Frar 1998 u sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2000, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datata dsatax ta’ Mejju 2004 [fol 6] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami tal-imputata ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-dsatax ta’ Mejju 2004 [fol 7].

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti inkluz s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputata odjerna, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Silvio Meli datata sebgha w ghoxrin ta’ Frar 1998 esibita fl-atti bhala dokument T a fol 162.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta’ Jannar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Mejju 2004 **xehed Doctor Christopher Zarb** [fol 9] li huwa general practitioner tal-Istitut ta’ **OMISSIS**, fejn qal li jumejn qabel kien ircieva telefonata mill-Istitut ta’ **OMISSIS**, sabiex imur jara b’urgenza tifla minuri bl-isem ta’ **OMISSIS** ta’ sitt snin, peress li fil-fehma taghhom kienet fi stat t’abbandun.

Qal li meta mar jaraha sab li din kienet mahmuga hafna minn fuq s’isfel, kellha riha ta’ pipi tal-qtates qawwija, kienet imdellka, twahhal, kellha swidija fil-qiegh ta’ saqajja, idejha u zaqqha fis-sens li kienet tifla inkallata.

Qal li t-tifla kienet qaltlu li kienet toqghod f'dar flimkien ma tletin qattus u kultant kien ikun hemm ommha, ghaliex ommha gieli kienet tohrog tixtri u tirritorna tard hafna bil-lejl u din t-tifla kienet tithalla d-dar.

Mistoqsi jekk qaltlux li kien ikun hem xi hadd iehor maghha d-dar, ix-xhud qal li t-tifla ma semmitlux li kien ikun hemm. Qal li qaltlu li qtates biss kien ikun hemm maghha u kultant ommha. Qal li fil-fehma tieghu t-tifla hija *undernourished* u esibixxa rapport li hu hejja li gie mmarkat bhala dokument CZ.

Qal li t-tifla kellha l-gilda taghha xotta, ilsienha hamrani u zaqqha minfuha li taghtu ndikazzjoni li kienet nieqsa mill-vitamini. Qal li hu ma vverifikax kemm ezattament kien hemm qtates pero t-tifla kellha riha qawwija ta' qtates fuqha. Qal li l-pipi tal-qtates hija differenti minn dik umana.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 **xehed Doctor Andrew Borg** [fol 13] fejn qal li hu kien gie nomiant b'digriet tal-Qorti datat dsatax ta' Mejju 2004, sabiex jezamina lil minuri **OMISSIS** w ghalhekk kien acceda fl-Istitut tas-sorijiet f' **OMISSIS** ghal dan l-ghan u ezaminha fil-presenza ta' xi sorijiet. Qal li kien hemm presenti wkoll Claire Sammut u Sister Edwina Calleja. Qal li hu kien fehem lil minuri r-raguni ghaliex kien mar hemmhekk u t-tifla dehret li kienet fehmitu. Qal li t-tifla kellha sitt snin, tul ta' mija w erbatax il-centimetru, w ghoxrin kilo biss piz. Qal li staqsiha ma min kienet tghix u t-tifla rrispondietu li kienet tghix ma ommha u missierha pero l-kunjom li taghtu tal-missier, ma kienx **OMISSIS**. Qal li kien hemm disgha w tletin qattus.

Ix-xhud kompla jghid li l-minuri qaltlu li kienet tghaddi hafna hin ma dawk il-qtaates waqt li ommha kienet tohrog tixtri u kienet tirritorna lura d-dar ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija sabiex titmaghhom.

Doctor Andrew Borg zied jghid li t-tifla **OMISSIS** ghandha intelligenza normali u kapaci tghid l-ittri u skola kellha tajba. Qal li kienet kapaci titkellem bl-Ingliz, bil-Malti u

sahansitra kienet taf wkoll xi kliem bit-Taljan. Qal li fuq gisimha l-minuri kellha hafna brix li huma deskritti fir-rapport li esibixxa u li gie mmarat bhala dokument AB [fol 16], liema brix huma kompatibbli ma grif ta’ qtates. Qal li l-minuri kellha hafna gdim ta’ brieghed fuq gisimha, xi tbengiliet zghar fuq gisimha kollu, distensjoni kbira f’zaqqha ta’ mija u tletin centimetru f’cirkonferenza. Qal li kellha l-kustilji kollha prominenti li jfisser li kellha nuqqas kroniku ta’ ikel.

Qal li ghand s-sorijiet dehret li kienet kuntenta hafna u fil-fatt s-sorijiet kienu qalulu li l-ikel li kienu jaghtuha kienet tahtfu peress li kien ilha zmien ma tiekol. Qali li sakemm raha hu, t-tbengil u l-grif kien beda jfieq fis-sens li ma kienux friski. Qal li fil-fehma tieghu ma kienx jirrizulta li l-minuri kellha xi effett psikologiku hazin pero laqtu l-fatt li tul s-saghtejn li dam jitkellem maghha, la missierha, la ommha u lanqas hutha ma ssemmew. Qal li l-minuri ghandha sitt hutha ohra, tnejn minnhom huma tewmin, izghar minnha, u erbgha akbar minnha. Qal li l-isptar ma kien hemm ebda storja medika taghha w ghalhekk l-minuri kellha zvilupp normali li ma ddahhlitx l-isptar. Qal li kien dubjuz jekk fil-fatt seta’ kellliex xi mard iehor li seta’ effettwa d-distensjoni f’zaqqha. Qal li l-probabbilita hija li tali distensjoni hija biss attribwibbli ghal *malnutrition* taghha w issugerixxa li kellu jitqabbad *child psychologist* fil-kaz tal-minuri.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2004 **xehed l-Ispettur Christopher Pullicino** [fol 25] fejn qal li ghal habta ta’ nofs Jannar 2004, il-mara tieghu kienet gibditlu l-attenzjoni li r-residenti tad-dar ta’ ma gembhom kienu qed jhallu t-tifla taghhom barra fuq l-ghatba tal-bieb ghal hinijiet twal u li kienet qed titmaghha hi. Qal li martu kienet qaltlu wkoll li t-tifla kienet qaltilha sabiex hi ma tghidx lil ommha li kienet qed titmaghha ghaliex kienet taqla xebgha. Qal li martu kienet qaltlu wkoll li omm l-minuri kienet thalli nota mal-bieb lil minuri sabiex taghmel l-*homework* fuq l-ghatba tad-dar u sahansitra kienet thallilha pakket gallettini. Qal li martu kienet tara dan kollu.

Ix-xhud kompla jghid li hu lil minuri li jisimha **OMISSIS**, kellimha f’okkazzjoni minnhom sabiex jonqos il-hin li tkun wahedha u sussegwentement martu, hu u xi girien fl-istess triq, kienu ddecidew li jirrappurtaw l-kaz lil Pulizija. Qal li l-minuri toqghod **OMISSIS**. Qal li l-imputata odjerna tigi omm l-minuri **OMISSIS**.

Qal li darba minnhom l-minuri kienet irritornat mill-iskola u damet sas-sitta w nofs ta’ filghaxija fuq l-ghatba tal-bieb w ghalhekk hu u martu ghamlu rapport lil Pulizija li gew fuq il-post flimkien ma social worker u t-tifla ttiehdet l-ghassa. Qal li dakinhar stess l-minuri regghet giet moghtija lura lil ommha wara li kienet giet mitkellma mill-Pulizija. Zied jghid li dak iz-zmien hu u martu kienu qed jinnutaw li t-tifla kienet tghaddi hafna zmien fil-*wash room* fuq il-bejt, peress li huma joqghodu bejt ma bejt maghha u ghalhekk martu kienet toqghod titkellem maghha u anke ttellaghlha xi ikel fuq l-bejt. Ix-xhud qal li kienu nnutaw wkoll li t-tifla kienet spiss tkun bl-istess hwejjeg ghal granet.

L-Ispettur Chris Pullicino kompla jghid li fl-ewwel jew t-tieni gimgha ta’ Mejju 2004, il-mara tieghu kienet gibditlu l-attenzjoni li kienet tara lit-tifla imsakkra fil-gallarija fuq in-naha ta’ wara li taghti ghal bitha u taghmel hemm ghal granet shah u li hi kienet qed thalli l-facendi biex toqghod titkellem maghha. Qal li darba minnhom martu qajjmitu ghal habta tas-sebgha ta’ filghodu biex jara f’liema stat kienet t-tifla u hu tela’ fuq il-bejt u ra lit-tifla fil-gallarija bil-qeghda f’rokna bil-hwejjeg ta’ taht. Qal li fl-istess gallarija kien hemm kompressur tal-*aircondition* li warajh kien jidher li kien hemm hmieg uman. Qal li martu gieli tat l-ikel lit-tifla billi tnizzilulha b’barmil minn fuq il-bejt u li gieli anke haditilha xi ritratti. Qal li dakinhar hu u martu kienu regghu ghamlu rapport lil Pulizija u gew flimkien ma *social worker* fejn sabu lil minuri msakkra wahedha fil-gallarija u kellha tittella’ bl-ghajnuna tal-membri tal-Protezzjoni Civili ghal fuq il-bejt tieghu.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2004 **xehed Natalino Bezzina** [fol 28] fejn qal li hu addett mal-Protezzjoni Civili u li nhar s-sbatax ta’ Mejju 2004 kien isejjah biex imur f’fond numru **OMISSIS** sabiex jghin lil Pulizija johorgu tifla

li kienet msakkra gewwa.  Qal li meta wasal fuq il-post flimkien ma Ivan Gera, dahlu minghand xi girien u telghu fuq il-bejt taghhom u wara li armaw l-apparat taghhom tellghu tifla li kienet tinsab fil-gallarija.  Qal li fil-gallarija in kwistjoni kien hemm kompressur tal-*air conditioning* u hmieg naturali.

Ix-xhud kompla jghid li qabel ma ttellghet, t-tifla riedet iggib pupa maghha u hu ma setghax jghaddi ghal gol-kamra peress li kien hemm gwardarobba li kienet qed tostakola l-entratura u kien hemm ftit spazju kemm tghaddi t-tifla, cirka ghaxar pulzieri.  Qal li hu kellu jimbotta l-gwardarobba biex ikun jista jidhol u meta dahal gewwa kien hemm *double bed*, qattusa fuq t-tustiera, xi hwejjeg imqallbin fuq l-istess sodda, u l-bieb kien imsakkar.  Qal li mar jixghel d-dawl u ra li lanqas bozza ma kien hemm.  Qal li gewwa kien hemm hafna hmieg naturali w intiena kbira.

Kompla jghid li t-tifla kienet liebsa qalziet ta’ taht u jew T shirt jew flokk bic-cingi u kienet mimlija hmieg naturali.  Qal li t-tifla dehret normali fl-istat taghha u ma kienetx imbezzgha u fil-fatt meta hu nizel hdejha, hi kellmitu qisu ma kien gara xejn.  Qal li staqsiha x’jisimha l-qattusa u hi rrisopondietu li ma kellhiex isem.

Qal li biex jghaddi l-hin hu qal lit-tifla biex jaghtuha isem huma pero hi wiegbitu li ma rieditx u li riedet tistenna lil ommha biex taghti isem lil qattusa.  Qal li l-kamra ma kienetx f’kundizzjoni tajba tant li anke konsenturi fil-hajt kien hemm.  Qal li t-tifla ma kellha access ghal ebda parti fid-dar fejn kien sabha, la ghat-*toilet* u lanqas ghat-telefon.  Qal li huma ma dahlux mid-dar ghaliex l-bieb kien isakkar u mill-kamra minn fejn dahlu ma kienx hemm access.  Qal li appena spiccaw mill-operazzjoni ta’ salvatagg tat-tifla, habbtu mal-bieb biex  jippruvaw jidhlu, pero ma fetah hadd.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2004 **xehdet Roseanne Pullicino** [fol 31] fejn qalet li hi toqghod fil-fond adjacenti mal-bieb fejn toqghod l-imputata. Qalet li hi tigi mar l-Ispettur Chris Pullicino.  Qalet li fix-xahar ta’ Jannar kienet

nnutat tifla zghira tal-gara taghha li kienet qed tghaddi hafna hin bejn il-bieb principali tad-dar w il-hasira li hemm fi speci ta' terazzin li jinfed ghal mat-triq. Qalet li ghall-ewwel it-tifla ma kienetx kunfidenti maghha pero hi kienet tipprova titkellem maghha xorta. Qalet li kienet offrietilha li titmaghha u ghal ewwel ma kienetx tiehu ikel minghandha pero izjed m'ghadda z-zmien u baqghet titkellem maghha, t-tifla bdiet tiekol l-ikel li kienet tghaddilha. Qalet li t-tifla kienet tghaddi sighat twal wara l-bieb u kienet ikkonfrontat lil omm t-tifla certa **OMISSIS**, l-imputata presenti fl-awla w offritilha li jekk kellha xi problemi setghet thalli t-tifla maghha.

Qalet li hi qatt ma kellha intenzjoni li taghmel hsara lil imputata, riedet biss tghin lil bintha. Qalet li meta tkellmet ma girien ohra fit-triq saret taf li t-tifla tohrog kmieni filghodu u li kien hemm xi girien ohra li kienu jaghtu l-ikel lit-tifla. Qalet li wara ftit kienu marru l-Pulizija fil-fond taghha u haduha l-ghassa lit-tifla u wara li giet mill-ghassa, kienet semghetha tibki lit-tifla. Qalet li kien difficili hafna li t-tifla tmur l-ghassa ghaliex kienet tibza minn ommha.

Roseanne Pullicino kompliet tghid li ghal habta ta' Marzu bdiet tisma lehen ta' tifla fil-*washroom* ta' fuq il-bejt li hemm hdejn taghha waqt li kienet tkun taghmel l-hasla u kienet tahseb li kienet tkun t-tifla tilghab mal-qtates, pero meta baqghet tismaghha ripetutament bdiet tissuspetta li t-tifla kienet qed tithalla wahedha fil-*washroom* waqt li ommha ma kienetx tkun d-dar. Qalet li darba minnhom t-tifla ghajtitilha. Kienet fuq banketta u resqet il-hgiega u talbita sabiex taghtiha xi haga x'tiekol. Qalet li baqa ghaddej iz-zmien u f'April, innutat li kien hemm certu hmieg f'sular aktar baxx minn taghha fejn t-tifla ghandha l-kamra tas-sodda taghha. Qalet li habiba taghha, Josephine Scerri kienet qaltilha li ma setghax ikun li dak kien hmieg tal-qtates, deher hmieg uman, naturali. Qalet li t-tifla kellha sura veru tal-biza, kienet mahmuga pesta. Qalet li hi baqghet tnizzlilha l-ikel u t-tifla kienet tinsisti maghha li l-boroz tal-ikel li kienet tnizzlilha kellha tohodhom lura ghaliex jekk tinduna ommha, kienet tirrabbja maghha.

Qalet li darba minnhom, kien jum it-Tnejn, l-omm harget kmieni filghodu ghal habta tas-sebgha neqsin kwart u giet lura f'xi l-hdax u kwart.  Ix-xhud qalet li dakinhar hi kienet tat l-ikel lit-tifla u kienet nizzlitilha platt stuffat f'barmil. Qalet li wara, marret tixtri ghand l-*pet shop* u rat lil ommha, l-imputata fil-hanut tixtri l-ikel tal-annimali u marret tigri lura d-dar sabiex tfittex itellgha l-platt tal-istuffat biex l-imputata meta tigi lura ma tindunax bih.

Ix-xhud kompliet tghid li dakinhar stess, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofisnhar hi staqsiet lit-tifla jekk ommha kienetx taghtha xi haga tal-ikel u din irrispondietha li ma kienetx u li ommha lanqas kienet d-dar.

Qalet wara hi kienet ghamlet rapport l-Appogg.  Ix-xhud kompliet tghid li hi gibdet xi ritratti li esibit bhala dokument CSH.  Qalet li hi kienet talbet lit-tifla tohrog fuq il-bejt sabiex taghtiha l-ikel u haditilha dawk r-ritratti fejn fihom tidher t-tifla fl-istat li kienet tkun.  Qalet li meta kienet tara lit-tifla fuq l-ghatba, kienet taraha regolarment. Qalet li gieli rat xi notament fuq il-bieb ta' barra tad-dar tat-tifla pero ikel qatt ma rat.  Qalet li t-tifla kienet turi li kienet bil-guh mill-mod li bih kienet tiekol l-ikel li hi kienet taghtiha. Spjegat li t-tifla kienet tohrog mid-dar ghal xi s-sitta neqsin kwart ta' filghodu u tigi siegha wara ghal habta tas-sebgha w kwart.  Qalet li kien hemm xi girien taghha li kienu qalulha li t-tifla kienet tiehu l-*breakfast* ghandhom ghaliex kienet titlaq ghal iskola bla *breakfast* u bla *lunch* mid-dar taghha.   Ikkonfermat li l-imputata ghandha tewmin li ghandhom ghaxar xhur u li dejjem kienu jkunu maghha u kellha wkoll xi tfal kbar.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 **xehdet Josephine Scerri** [fol 36] fejn qalet li hi toqghod bieb ma bieb mal-imputata li gharfet presenti fl-awla.  Qalet li fis-sentejn u nofs li kien ilha toqghod **OMISSIS**, lil minuri **OMISSIS**, kienet ratha biss xi hames darbiet.  Qalet li f'Jannar kienet qed tinnota lit-tifla hiega ghal iskola fis-sitta w nofs ta' filghodu minghajr kalzetti, pero ma rieditx tindahal.  Qalet li dak iz-zmien hi kienet tasal lura mix-xoghol ghal habta tas-sitta ta' filghaxija u kienet tosserva l-hasira ta'

quddiem l-bieb fejn toqghod l-imputata, ticcaqlaq u tara ras it-tifla taghha, **OMISSIS**, tittawwal barra w appena tarha, tidhol tigri. Qalet li meta kienet tistaqsi lit-tifla kellhiex bzonn xi haga, kienet tirrispondiha billi tghidilha li ommha kienet waslet biex tasal lura d-dar.

Josephine Scerri kompliet tghid li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar, meta waslet lura mix-xoghol, iltaqghet ma gara ohra li kienet qed tibki minhabba din t-tifla ghaliex bdiet tithassarha peress li kienet barra. Qalet li dakinhar hi w l-gara kienu kellmu lit-tifla u hi qaltilha biex tidhol ghandha u li kienet ser thalli nota lil ommha li kienet ghandha, pero t-tifla ma rieditx ghax qalet li ommha kienet waslet biex tirritorna. Qalet li dakinhar kienu marru l-Pulizija ma xi *social worker*.

Ghal habta ta' Marzu, kompliet tghid ix-xhud Josephine Scerri, meta kienet titla fuq il-bejt kienet tisma lit-tifla titkellem mal-qtates fil-*washroom* tad-dar ta' ommha, pero meta kienet tghajtilha, t-tifla qatt ma kienet twegibha. Qalet li darba fost l-ohrajn, gara ohra taghha kienet qaltilha li kienet ser taghmel rapport l-ghassa ghaliex ma felhitx tara lit-tifla f'dik is-sura li kienet.

Qalet li xi tlett gimghat qabel din l-okkazzjoni, meta kienet ghand gara ohra, kienet qaltilha biex tittawwal ghal gol-gallarija tal-imputata biex tara xi hmieg kien hemm, liema hmieg ma keinx tal-qtates, izda kien tan-nies. Qalet li huma dakinhar ma setghux jaraw gewwa ghaliex kien hemm gwardarobba mal-bieb. Kompliet tghid li darba minnhom, kien il-Hadd, t-tifla ghajjtet gara taghha u talbitha x'tiekol ghax kellha l-guh w ghamlitilha zewg bananiet go basket u wadbithomlha fil-gallarija. Qalet li meta hi kienet marret ma din l-gara jkellmu lit-tifla fil-gallarija, din kienet bi flokk ta' taht u qalziet ta' taht mahmugin hafna. Qalet li wara nofsinhar, meta regghet telghet fuq l-bejt fejn kien hemm wkoll Roseanne Pullicino, kienet rat lil **OMISSIS** fil-*washroom*, harget u kellmitha u tawha xi hobz, bajda iebsa u xi *drink* u t-tifla bdiet titma lil qtates bil-hobz. Ix-xhud qalet li meta staqsietha ghal ommha, t-tifla qaltilha li ma kienetx hemm u li kienet ser tirritorna ma ddumx. Qalet li staqsitha jekk kienetx raqdet

u t-tifla wegbitha li kienet raqdet ftit ghaliex kienet qed thoss il-bard u mhadda ma kelliex.

Qalet li darba minnhom rat lit-tifla fil-gallarija u staqsietha jekk kelliex bzonn xi haga u rrispondietha li kellha aptit tuffieha u tawha tuffieha u cikkulata. Qalet li darba minnhom t-tifla raqdet fil-kamra tal-bejt u t-tifla kienet kuntenta li ommha taghtha mhadda. Qalet li kienet qaltilha biex toqghod taqra ftit pero t-tifla rrisponditha li ma setghetx ghaliex is-*switch* tal-kamra kien fuq barra u ma kellhiex dawl. Qalet li kienet anke qalet lit-tifla biex tmur tinhasel w it-tifla qaltilha le u anke offritilha li tahsilha hi pero r-ragel kien qalilha biex ma tindahalx.

Ix-xhud kompliet tghid li darba minnhom ghal habta tas-sebgha, kienet rat lit-tifla fuq l-ghatba tal-bieb taghmel l-*homework*, meta kienet tkun ilha li giet mill-iskola. Qalet li kienet qaltilha biex tidhol ghandha tahsel idejha pero t-tifla rrifjutat ghaliex ommha ma kienetx tkun trid. Qalet li hi qatt ma rat ikel ghat-tifla. Qalet li hi kienet offriet lil imputata li ghafet presenti fl-awla, li jekk riedet, fil-*weekends* setghet izzommilha lil bintha peress li ghandha tifla l-eta taghha, pero l-imputata rringrazzjata u ma baghtitlha qatt.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2004 **xehdet Victoria Bugeja** [fol 40] fejn qalet li hi tahdem bhala *social worker* mad-djar residenzjali tat-tfal. Qalet li tal-Appogg kienu infurmaha f’Jannar sabiex idahhlu lil **OMISSIS** f’wahda mid-djar taghhom minhabba ragunijiet ta’ *issues of neglect*, peress li hi kienet tiehu hsieb l-*intake* tat-tfal. Qalet li kienu sabulha post w infurmawha li ma kienx ghad hemm l-bzonn. Qalet li fis-sbatax ta’ Mejju rega’ kellhom rapport biex idahhlu lit-tifla f’*home* u dahhluha fid-dar ta’ **OMISSIS**, tard filghaxija.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2004 **xehdet Antonella Mizzi** [fol 42] fejn qalet li hi tahdem bhala *psycology office*r fi hdan l-Appogg. Qalet li fis-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2004, din l-agenzija rceviet rapport li kien hemm tifla li kienet qed tkun fuq l-ghatba tal-bieb w ghalhekk talbu lil Pulizija jakkumpanjawhom fuq il-post. Qalet li

meta waslu fuq il-post l-Mosta, ghal habta tal-hamsa w kwart ta' filghaxija, sabu lil **OMISSIS** fuq l-ghatba tal-bieb ta' barra taghmel l-*homework* fejn anke kien hemm hdejha xi Pulizija. Qalet li mal-bieb ta' barra tad-dar taghha kien hemm nota li kienet tghid li ommha kienet ser tasal fi zmien qasir u li kellha xi buskuttini x'tiekol sakemm taghmel l-*homework*. Qalet li fin-nota kien hemm "Till I come do your Maths and English homework, you have biscuits".

Qalet li meta staqsiet lit-tifla ghaliex kienet hemm u fejn kienet u x'hin kienet ser tigi ommha, t-tifla ma wiegbet xejn. Qalet li kienu ghamlu siegha hemmhekk jistennew pero omm t-tifla baqghet ma gietx. Qalet li hi talbet lit-tifla tmur maghha u mal-Pulizija l-Ghassa biex ma toqghodx hemmhekk u t-tifla qaltilha li ommha kienet avzata biex ma tmurx mal-Pulizija, pero wara kkonvincitha u marret. Qalet li waqt li kienu l-ghassa, t-tifla kienet socjali hafrna, bdiet ticcajta u tpingi pero dehret bil-guh u xtrawlha xi haga x'tiekol.

Antonella Mizzi kompliet tghid li ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija t-tifla bdiet tinkwieta u tghid li kien ikun ahjar li tmur d-dar ghaliex ommha kienet ser tirrabbja maghha. Qalet li fit-tmienja w kwart ta' bil-lejl kienet marret l-ghassa ommha, l-imputata, li gharfet presenti fl-awla, u meta spjegawlha r-raguni ghaliex bintha kienet tinsab hemm, l-imputata saret aggressiva fil-konfront taghhom u f'certu hin anke ma bintha. Qalet li x'hin t-tifla rat lil ommha diehla fl-ghassa, iffrizat u m'ghamlet ebda reazzjoni ohra, ma tkellmet xejn. Qalet li infurmawha biex izzomm kuntatt maghhom pero l-imputata kienet irrifjutat kull ghajnuna. Qalet li kien difficli ghalihom li jzommu kuntatt mal-imputata.

Qalet li fl-erbgha ta' Frar inharget ordni temporanja mill-Appogg u hi u *psycology officer* ohra marru u gabru lit-tifla mill-iskola **OMISSIS**. Kompliet tghid li dakinhar, malli t-tifla rathom, ma rieditx titkellem maghhom u qalet lil *head* tal-iskola li ommha kienet avzatha biex ma tkellimx la lilhom u lanqas lil Pulizija. Qalet li f'Ottubru kien sar rapport anonimu dwar t-traskuragni li fih kienet tinsab t-

tifla u li gieli ntbaghtet l-iskola minghajr *homework*, pero meta kien isir kuntatt mal-omm, l-omm ma kienetx tmur ghaliha.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Mejju 2004 **xehdet Catherine Schembri** [fol 45] fejn qalet li ghal habta li kien gara l-kaz, hi kienet tahdem *psycology officer* mal-Appogg. Qalet li fis-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2004, din l-agenzija rceviet rapport li kien hemm tifla li kienet qed tkun fuq l-ghatba tal-bieb w ghalhekk hi flimkien ma kollega taghha marru fuq il-post. Qalet li meta waslu fuq il-post l-**OMISSIS**, sabu lil **OMISSIS** fuq l-ghatba tal-bieb ta’ barra taghmel l-*homework* fejn anke qalet li kien ilha hemm tistenna lil ommha minn x’hin rritornat mill-iskola. Qalet li staqsewha jekk kienetx taghmel hekk spiss u meta staqisitha ghal ommha t-tifla wegbitha li kienet tahseb li ommha nqabdet fit-traffiku. Qalet li huma damu hemm xi siegha pero ommha ma gietx u ghalhekk hadu lit-tifla l-ghassa flimkien ma Pulizija.

Catherine Schembri kompliet tghid li t-tifla kellha riha qawwija ta’ awrina tal-qtates, xagharha maqtugh bl-addocc u mahmuga. Qalet li waqt li kienu l-ghassa qaghdu jpingu maghha u tawha x’tiekol ghax dehret bil-guh hafna. Qalet li meta saru s-sebgha w nofs ta’ filghaxija t-tifla bdiet tinkwieta u riedet tmur d-dar. Imbaghad, ghal habta tat-tmienja ta’ bil-lejl ommha marret l-ghassa u kif t-tifla ratha, ffrizat u baqghet iccassata u waqfet titkellem. Qalet li staqsiet lill-omm x’kien gara w ghaliex t-tifla kienet thalliet fuq l-ghatba tal-bieb w hi rrispondiet li kienet waqfitilha l-karozza.

Staqsitha ghaliex bintha kienet daqshekk bil-guh u hi daret fuq bintha u qaltilha ‘hux naghtik tiekol’ w it-tifla harset lejn ommha w ghamlet sinjal lejha li le. Qalet li l-imputata li gharfet presenti fl-awla, bdiet tghajjat mat-tifla u tghidilha biex ma tigdibx. Kompliet tghid li dakinhar l-imputata kienet aggressiva hafna w arroganti kemm maghhom kif wkoll mal-Pulizija. Qalet li dakinhar t-tifla marret d-dar ma ommha u hi qaltilha biex tmur tkellem l-agenzija Appogg u l-imputata rrispondietha li ma kelliex bzonn *social worker*.

Dan nonostante fl-erbgha ta' Frar hareg l-*interim care order* mill-Ministru tal-Harsien Socjali, marru ghat-tifla l-iskola u malli rathom, t-tifla ccassat w iffrizat u ghalhekk hargu mill-kamra u marru jkellmu lil head li qaltilhom li t-tifla kienet avzata minn ommha biex ma tkellem lil hadd, la lilhom u lanqas lil Pulizija. Qalet ghalhekk biex t-tifla ma tidholx fi trawma ohra, dakinhar t-tifla ma ttehditx mill-iskola nonostante l-*interim care order*.

Qalet li dakinhar hallew kopja tal-*care order* mal-Pulizija u baghtu kopja taghha lil imputata, pero dan kien rega' gie ritornat ghandhom peress li ma giex migbur.

Qalet li huma kienu baqghu jippruvaw jaghmlu kuntatt mal-imputata pero wara, ghal habta ta' Frar kien kellimhom certu **OMISSIS**, li ried ikun jaf ghaliex kienet hareg l-*care order*. Qalet li dan kien qal lilha u lil tac-Child Protection li kien maghha, li dakinhar kemm lilha kif wkoll lil imputata, kienet waqfitilhom l-karozza. Kien qalilhom wkoll li kienet cemplitlu l-imputata biex tghidlu li kien hemm t-tifla fuq l-ghatba tal-bieb, meta lilhom, meta kienet marret l-ghassa ghal bintha, kienet qaltilhom li ma setghetx iccempel ghaliex ma kellhiex *credit* fil-mobile taghha. Qalet li **OMISSIS** kien qalilhom wkoll li r-relazzjoni tat-tifla mal-omm ma tantx kienet tajba ghaliex t-tifla ma kienetx titkellem hafna mal-omm u li kieku l-imputata kienet tippreferxxi lit-tewmin mit-tifla, hu kien jghidilhom. Qalet li qalilhom wkoll li kien hemm *resentment* ta' l-imputata lejn t-tifla u li kien ikun ahjar li jibghatu ittra lil imputata biex titkellem maghhom, pero ghalkemm huma baghtulha ittra nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar, l-imputata baqghet ma kkomunikatx maghhom.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 **xehed PS 1174 Adrian Sciberras** [fol 49] fejn qal li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2004, kienu marru l-ghassa Catherine Schembri u Antonella Mizzi, *child psycology officers* tac-Child Protection fejn talbu l-assistenza tal-Pulizija ghaliex kienu rcievew rapport li fi Triq **OMISSIS** kien hemm tifla fuq l-ghatba tal-bieb. Qal li ghalhekk mar fuq il-post fejn

sab tifla fuq l-ghatba tal-bieb ta’ barra u hemm kien hemm nota mitkuba fuq karta, li esibixxa bhala dokument C.

Ix-xhud kompla jghid li beda jkellimha u peress li kienet il-kesha, ipprova jikkonvinciha tmur l-ghassa maghhom u fil-fatt hekk ghamlu.  Qal li qabel telqu hallew nota mal-bieb sabiex meta tmur ommha tkun taf fejn hi bintha u tmur tigborha mill-ghassa, peress li ma setghux jghamlu kuntatt mal-omm.

Fil-fatt kompla jghid dan x-xhud, l-omm li hija l-imputata odjerna, marret ghal bintha l-ghassa u meta giet mistoqsija x’kien gara, kienet rrispondiet li kienet waqfitilha l-karozza.  Qal li hu wriha n-nota li hi stess kienet halliet mal-bieb u bhal speci qalilha li donna kienet taf li kienet ser iddum peress li kienet halliet dik in-nota u hi rrispondiet li hallietha hemm ‘just in case’. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS.

Kompla jghid li fis-sbatax ta’ Mejju 2004, ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar, kienu regghu marru membri tal-Appogg, certa Clare Sammut u Graziella Castillo u regghu talbu l-assistenza tal-Pulizija biex jghamlu spezzjoni fi Triq **OMISSIS** peress li kellhom rapport li kien ikun hemm tifla li tithalla wahedha d-dar.

Qal li mar fuq il-post, tela’ fuq bejt tal-girien ta’ din t-tifla fejn f’gallarija raw lil **OMISSIS** li kienet fi stat hazin hafna u kellha hafna hmieg fuqha tant li kellha l-flokk ta’ taht minn abjad, kannella kienet bil-qalziet ta’ taht, hafja u timxi fuq hmieg jew taghha jew tal-annimali.  Qal li mal-bieb tal-gallarija li fiha kienet t-tifla, kien hemm gwardarobba u t-tifla harget minn bejn il-hajt w l-gwardarobba meta rathom. Qal li beda jitkellem mat-tifla u qaltlu li ommha ma kienetx hemmhekk u li kienet wahedha.  Qal li pprova jaghmel kuntatt ma ommha pero m’irnexxilux w ghalhekk minn naha tal-Appogg ippruvaw johorgu *care order*.  Qal li wara mar l-ghassa w irnexxilu jaghmel kuntatt mal-omm, l-imputata odjerna, fuq mobile number **OMISSIS** u qalilha li bintha kienet regghet thalliet d-dar wahedha u talabha biex tmur d-dar sabiex t-tifla tinhareg minn hemmhekk.

Qal li rega' rritorna fejn d-dar tal-imputata u fit-triq ra lil imputata ghaddejja minn triq ma gemb fejn kien peress li Triq **OMISSIS** hi *one way* mit-triq fejn kienet ghaddejja l-imputata u kellha ddur mal-blokk kollu biex tasal fejn kien hu. Qal li baqa jistenna pero l-imputata ma tfaccatx. Qal li fuq il-post kien mar wkoll s-Segretarju Parlamentari ghaliex kienu cemplulu xi girien li nfurmah li kien hareg *care order* u li kienu ser jaslu bih fi zmien qasir.

Qal li peress li ma setghax jinsab kif jista jinkiseb access ghal god-dar fejn kienet t-tifla, cempel lil tal-Protezzjoni Civili u wara li gew fuq il-post irnexxilhom johrogu lit-tifla minn fuq bejt tal-girien u wara ttiehdet f'Istitut. Qal li hemmhekk t-tifla giet ezaminata minn Doctor Christopher Zarb fejn irrizulta li kellha gdim fuq saqajha rizultat tal-abbandun li kienet tinsab fih.

Qal li fil-gallarija fejn kienet t-tifla kien hemm hafna hmieg tal-annimali u tat-tifla stess u hi kienet kull darba tghaddi minn fuqu tant li meta telghet t-tifla anke hmieg minnn dan ma saqajha kellha. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza tas-sbatax ta' Mejju li giet mmarkata bhala dokument PS 1.

Ix-xhud kompla jghid li f'Jannar kienet inharget *care order* u kull darba li hu kien jipprova jaghmel kuntatt mal-imputata, kien ikun hemm certu **OMISSIS** li kien jghidlu daqqa li ma kienetx ghadha toqghod hemmhekk, li kienet telqet u hafna skuzi ohra.

Illi nhar s-sittax ta' Gunju 2004 **xehdet Doctor Anna Cassar** [fol 63 fejn qalet li hi kienet giet nominata b'digriet tal-Qorti datat wiehed u tletin ta' Mejju 2004, sabiex tezamina lil minuri **OMISSIS** li kienet tinsab f'istitut tas-sorijiet f' **OMISSIS**. Ix-xhud esibit r-relazzjoni taghha li giet mmarakata bhala dokument AC li tinsab a fol 65 tal-atti. Qalet li hi ma hijiex tal-fehma li t-tifla titla l-Qorti taghti x-xhieda taghha peress li ghandha livell gholi t'anzjeta u meta tigi esposta gal kliem jew sitwazzjonijiet li ghaddiet minnhom, l-livell t'anzjeta jghola izjed. Qalet li t-tifla ghandha tendenza li tinqata mir-realta meta tigi rinfaccjata btali sitwazzjoni.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2004 **xehdet Graziella Castillo** [fol 89] fejn qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *social worker* mal-Agenzija Appogg. Qalet li nhar s-sbatax ta' Mejju 2004, dahlilha rapport mit-taqsima tal-Harsien tat-Tfal, iehor anonimu u iehor mic-Centru tal-Hidma Socjali, li kien hemm minuri li kienet qed taghmel hin twil wahedha d-dar. Qalet li hi u kollegi taghha kienu marru fuq il-post indikat pero ma setghux jidhlu fil-fond w ghalhekk bl-ghajnuna ta' girien, telghu fuq bejt u hemm raw lit-tifla fil-gallarija fuq in-naha ta' wara tad-dar taghha, li kellha cirka sitt snin.

Qalet li t-tifla meta kienet tigi mghajjta mill-girien kienet tohrog tittawwal. Qalet li t-tifla qaltilha li kienet tghaddi hafna hin wahedha d-dar u kienet mahmuga, liebsa flokk ta' taht u qalziet ta' taht. Ziedet tghid li t-tifla kienet stqarret maghha li l-flokk kien ilu fuqha erbgha gimghat u li xagharha kienet ilha ma tahsilha xi hamsin gurnata. It-tifla kellha saqajha mill-irkoppa 'l isfel, homor nar u bdiet thokkhom. It-tifla bdiet tesprimi ruhha maghha li tiddejjaq d-dar wahedha u li gara kienet tnizzlilha l-ikel ghaliex ma kienx ikollha x'tiekol. Qalet li fil-gallarija fejn kienet t-tifla kien hemm platt u flixkun tal-plastic u barmil minn fejn kien jitnizzel u jittella l-ikel li kienet tinghata mill-girien. Fil-gallarija kien hemm hmieg naturali, riha tinten u dubbien. Qalet li fid-dar in kwistjoni ma dahlitx. Qalet li wara inhareg *interim order*.

Graziella Castillo kompliet tghid li dakinhar kienu marru tal-protezzjoni civili sabiex hargu lit-tifla mill-fond fejn kienet. Qalet li hi setghet tara li kien hemm bieb li jaghti ghal gallarija fejn kienet t-tifla li warajh kien hemm gwardrobba li jaghlaq l-istess bieb u li t-tifla dehret taghmel sforz biex tghaddi mill-ftit spazju ta' bejn il-gwardarobba u l-hajt biex tkellimha. Qalet li meta t-tifla giet mistoqsija fejn kienet ommha, din qalet li kienet harget tixtri. Qalet wkoll li t-tifla qalet li ommha kienet tohrog filghodu u tirritorna d-dar filghaxija fid-dlam u maghha kienet tiehu lil hutha t-tewmin. Qalet li t-tifla qaltilha li hi kienet tghaddi hafna hin mal-qtates li kien hemm li qalet li kienu xi tletin u li kienet tipprova tghallem

lil qtates jaqraw. Qalet li kienet tiekol *chips* u *chicken nuggets* li kienet tghamlilha ommha bil-lejl ghaliex matul il-gurnata kienu l-girien li kienu jaghtuha x'tiekol billi jnizzluha l-ikel fil-gallarija. Qalet li l-involviment taghha kien biss dakinhar u xi gimgha wara sakemm rat li t-tifla kienet issetiljat. Qalet li llum l-gurnata t-tifla tghix f'Istitut tas-sorijiet f' **OMISSIS** u tidher ferhana.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2004 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 92] fejn qal li fis-sbatax ta' Mejju 2004, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar Claire Sammut u Graziella Castillo haddiema socjali mal-Agenzija Appogg kienu marru l-ghassa tal-Mosta u talbu l-assistenza tal-pulizija sabiex jinvestigaw kaz dwar abbandun ta' tifla ta'sitt snin fil-fond **OMISSIS**.

Qal li ghalhekk il-pulizija marru fuq il-post fejn certa Roseanne Pullicino taghthom access minn fuq il-bejt taghha ghal fond adjacenti fejn minn hemmhekk, raw il-gallarija fl-ewwel sular, fejn raw u kellmu lil minuri **OMISSIS**. Qal li din t-tifla dehret mahmuga hafna, kemm f'hwejjigha kif wkoll f'xaghrha. Qal li wara gew infurmati tal-protezzjoni civili u meta gew nizel certu Natalino Bezzina permezz ta' hbula biex tella' lit-tifla. Qal li dak il-hin fid-dar ma kien hemm hadd hlief t-tifla u fil-gallarija l-pulizija nnutat li kien hemm xi hmieg, *air condition* li kien f'wahda mill-irkejjen u xi platt vojt.

Kompla jghid li PS 1174 Adrian Sciberras kien fuq il-post u xi siegha wara, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, irnexxielu jaghmel kuntatt mal-imputata li tigi omm t-tifla fuq mobile number **OMISSIS**. Qal li ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, l-imputata ghaddiet minn fuq il-post minn Triq **OMISSIS** pero baqghet sejra. Zied jghid li wara kienet cemplet l-ghassa tal- **OMISSIS** fejn kellmet lil PC 707 u qaltlu biex il-pulizija li kien quddiem r-residenza taghha, jitilqu. Qal li hu fuq il-post kien halla pulizija dakinhar wara li t-tifla nharget fuq ordni tal-Ministru ghal Harsien tal-Familja ui Sigurta Socjali. Qal li wara saru jafu li l-imputata kellha zewgt itfal ohra ta' sena w nofs li kienu tewmin w ghalhekk iddecida li jnehhi lil pulizija minn wara

l-bieb taghha sabiex l-imputata tkun tista tirritorna f'darha u dan fl-interess tat-tfal.

Qal li l-imputata kienet ghamlet kuntatt mieghu dakinhar stess fejn ftehmu li kellha tmur l-ghassa tal-Qawra l-ghada u fil-fatt l-ghada marret ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar fejn irrilaxxjat stqarrija wara li kien taha s-solita twissija. Qal li l-imputata kienet iffirmat din l-istqarrija li ttiehdet fil-presenza ta' WPC 31 Susan Muscat, liema stqarrija esibixxa bhala dokument JM [fol 95] fejn ikkonferma il-firma tieghu, tal-imputata u ta' WPC 31 Susan Muscat fuqha. Ix-xhud esibixxa wkoll sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Silvio Meli datata sebgha w ghoxrin ta' Frar 1998 fil-konfront tal-imputata odjerna li gharaf presenti fl-awla, liema sentenza giet mmarkata bhala dokument JM 2 [fol 97].

In kontr'ezami, l-Ispettur Joseph Mercieca qal li hu mar fuq il-post indikat proprjeta tal-imputata xi tlett kwarti wara li marru l-Pulizija l-ohra, u cioe ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar, w it-tifla kienet ghadha fil-gallarija fuq l-parti ta' wara tad-dar tal-imputata. Qal li din il-gallarija tinfed ghal kamra fuq wara tal-istess fond tal-imputata. Mistoqsi jekk rax xi qattus fid-dar ix-xhud qal li hu ma dahalx fid-dar ghaliex ma kien hemm hadd u hadd ma fetahlu, ghalhekk ma setghax jghid.

Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2004 **xehed l-Onorevoli Edwin Vassallo** [fol 100] fejn meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk kienx jaf lil imputata, x-xhud qal li ma kienx. Mistoqsi x'involviment kellu fil-kaz in dezamina, ix-xhud qal li darba fost l-ohrajn kien il-ministeru tieghu u xi hin wara nfosinhar kien ircieva telefonata fejn persuna qaltlu sabiex imur f'post f' **OMISSIS** fejn kien hemm tifla go shaft u li kien ilha hemmhekk ghal zmien twil u li l-girien kienu qed jaghtuha tiekol billi jnizzlulha l-ikel b'habel minn fuq il-bjut.

Qal li minn cempel ilmenta mieghu li ghalhekk il-Pulizija kienu gew mgharrfa b'dan, ma kienux hadu passi w ghalkemm dehrlu li kellu jmur hu fuq il-post biex jinvestiga. Qal li a bazi ta' dan l-ilment hu kien ghamel kuntatt mad-Deputat Kummissarju Joe Cachia, li nfurmah li kien ser

jibghat xi pulizija. Qal li nel frattemp cemplitlu wkoll lil Onorevoli Minstru Dolores Cristina li qaltlu li kienu jafu bil-kaz u kienu qed jippruvaw jaghmlu xi haga u hu ghamel kuntatt wkoll ma Dottor Carmelo Mifsud Bonnici dwar l-kaz.

Qal li meta hu mar fuq il-post biex jara lit-tifla, sab li kien hemm xi pulizija wara l-bieb tal-imputata u xi girien ohra u dahal f'dar ta' wahda mill-girien, tela fuq il-bejt biswit u setgha jara lit-tifla minuri li kienet f'gallarija li taghti ghal fuq bitha interna. Qal li din kienet liebsa hwejjeg ta' taht u kien hafja, bla zarbun u dehret li kien ilha hemmhekk zmien twil. Qal li fil-gallarija fejn kienet il-minuri kien hemm hafna hmieg u skart u deher abbandunat. Qal li l-bieb tal-*aluminium* bil-hgieg deher li kien imbarrad.

Qal li meta kellem lit-tifla din qaltlu li xorta setghet tidhol f'kamra gewwa li tinfed mal-istess gallarija liema kamra ma kienet tinfed ghal imkien iehor peress li kienet msakkra. Qal li f'din l-kamra kien hemm numru ta' qtates. Qal li t-tifla ilmentat mieghu li kellha ugiegh ta' zaqq u qaghdet kokka w ippruvat toqghod fid-dell peress li kien hemm x-xemx. Qal li t-tifla dehret li kienet *weak* hafna w ghajjiena u kellha l-gharqub taghha safrani fil-kannella u hwejjigha jintnu. Qal li fuq il-bejt mieghu kien hemm *social workers* li qalu lit-tifla fejn kienu ser jiehduha, u li kienu ser jbiddlulha hwejjigha wkoll. Qal li gara qaltlu li hi kienet tnewwlilha xi ikel. Kompla jghid li huma ppruvaw izommu lit-tifla kwieta, waqt li l-pulizija bdew jippruvaw jisgassaw il-bieb ta' barra u dehret imbezzgha. Qal li t-tifla dehret intelligenti hafna fis-sens li tkellmet anke bl-ingliz. Qal li wara waslu tal-protezzjoni civili u peress li l-bieb ta' barra ma setghax jinfetah, telghu fuq bejt adjacenti, nizlu fil-gallarija permezz ta' hbula u tellghu lil minuri. Qal li l-Pulizija kienu ilmentaw mieghu li fil-kamra kien hemm hafna hmieg. Qal li kemm hu dam fuq il-post, xi saghtejn, l-imputata ma tfaccatx u li dakinhar li kien qed jixhed li raha l-ewwel darba.

Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2004 **xehed Louis Borg** [fol 103] fejn qal li hu ma jafx lil imputata, lanqas di vista. Qal li hu joqghod fi **OMISSIS**. Qal li kien jaf li t-tifla kienet

tattendi **OMISSIS** u kien hemm tifla ohra li kienet tirkeb maghha ghal iskola, kif wkoll bintu **OMISSIS**. Qal li f'okkazzjoni minnhom fix-xitwa, martu harget tixtri xi s-sitta ta' filghodu, u rat lit-tifla barra li qaltilha li kienet bil-guh w ghalhekk dahlitha d-dar u minn dakinhar bdiet tmur regolarment ghandhom thabbat il-bieb fis-sitta ta' filghodu. Qal li martu kienet taghtiha x'tiekol, xi *toast* u xi tazza halib. Qal li hu ma kienx inqum daqshekk kmieni w ghalhekk ma kienx jiltaqa maghha, pero kien jismaghha titkellem ma bintu. Qal li tat-transport jghaddi ghat-tfal fis-sebgha ta' filghodu. Qal li sussegwentement kienu tkellmu mad-driver biex dan ikellem lil omm l-minuri biex jghidilha li hu fis-sebgha ta' filghodu kien jghaddi ghat-tfal u mhux fis-sitta, pero d-driver kien qallu li kull darba li kien imur jhabbat il-bieb tal-imputata, ma kien jirrispondih hadd.

Ix-xhud kompla jghid li t-tifla ghamlet xi zmien waqfet tmur ghandu, pero wara regghet bdiet tmur. Qal li darba minnhom kien kellimha hu mit-tieqa lit-tifla, peress li kienet staqsietu biex tkellem lil bintu **OMISSIS** u kienet fethitilha martu. Qal li wara xi zmien kien qal lil martu li ma xtaqx jara lil din t-tifla tibqa sejra hekk u li kien ser imur ikellem l-ghassa tal-Mosta u meta mar l-ghassa kien tkellem ma pulizija mara u staqsiha jekk kienx qed jaghmel xi haga hazina li jdahhal lil din t-tifla f'daru u din qaltlu li dak kien kaz ta' *social worker* u cemplet lil *social worker* hi stess biex tinfurmhom b'dan l-kaz. Qal li dawn l-affarijiet damu sejrin hekk ghax-xahar kollu ta' Frar 2004. Qal li bintu **OMISSIS** li kienet tirkeb mal-minuri, kienet tirritorna d-dar mill-iskola ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, pero l-minuri **OMISSIS** qatt ma rritornat lura mill-iskola ma bintu.

Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2004 **xehed PS 1133 Joseph Borg** [fol 105] fejn qal li nhar s-sittax ta' Mejju 2004, waqt li kien stazzjonat l-Ghassa tal- **OMISSIS**, ghall-habta ta' nofsinhar dahlet telefonata minn xi girien li rega' kien hemm tifla ta' sitt snin maghluqa wahedha f'gallarija f'ambjent mahmug, fil-parti ta' wara ta' residenza. Qal li ghalhekk mar fuq il-post u bl-ghajnuna ta' gara partikolari, tela fuq l-bejt minn fond adjacenti u qal lil gara sabiex tghajjat lil din t-tifla pero t-tifla ma hargitx.

Qal li ghalhekk hu cempel lil certu Gino Zammit li hu social worker u dan minn naha tieghu qallu li kien ser jikkuntattja *social worker* ohra sabiex tiehu azzjoni.

Ix-xhud esibixxa l-okkorrenzi relattivi li gew mmarkati bhala dokumenti X u Y [fol 107 et seq]. Ix-xhud qal li wara gie nfurmat li kienet ittiehed azzjoni fir-rigward din t-tifla. Meta gie muri r-ritratti esibiti bhala dokumenti minn CSH 1 sa CSH 5 a fol 35 tal-atti, ix-xhud kkonferma li l-gallarija indikata fihom hija l-istess wahda li ra hu meta tela’ fuq bejt ta’ gara meta mar fuq il-post. Qal li dakinhar hu ra li kien hemm bieb tal-gallarija li kien imbexxaq u kien hemm hafna hmieg mal-art tal-gallarija. Qal li fil-kaz tas-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar u li tieghu esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala dokument X, hu ma kienx involut, kien biss involut fil-kaz tas-sittax ta’ Mejju u cioe l-okkorrenza esibita bhala dokument Y.

Illi nhar l-ewwel ta’ Settembru 2004 **xehdet Katia Cachia** [fol 115] fejn qalet li fiz-zmien tal-incident in dezamina hi kienet tahdem bhala *co-ordinate* fic-Child Protection Unit. Mistoqsija jekk tafx lil imputata odjerna, x-xhud wiegbet fl-affermattiv peress li hija omm klijenta taghhom, **OMISSIS**. Qalet li fi Frar kien dahal rapport mal-Agenzija Appogg li kien hemm tifla li kienet qed tkun wahedha u bdew l-investigazzjonijiet fejn irrizulta li kienet din t-tifla **OMISSIS**.

Ziedet tghid li fl-erbgha ta’ Frar 2004, kien hareg *interim care order* mill-Ministeru tas-Sigurta Socjali, pero t-tifla ma kienetx marret maghhom peress li kienet imbezzgha u kienu baghtu xi *social workers* tal-iskejjel tal-knisja, peress li t-tifla kienet tattendi skola tal-knisja.

Ix-xhud kompliet tghid li f’Mejju 2004, kien hareg t-tieni interim care order w ghalhekk hi kienet ghamlet kuntatt mal-imputata li tigi omm l-minuri u flimkien mas-*supervisor* taghha kienu spjegaw lil imputata xi tfisser *interim care order* u dak kollu li kien ser jigri. Qalet li l-imputata qaltilha li kien jiddispjaciha ta’dak li gara pero ezattament x’kien gara, l-imputata ma qaltilhiex. Qalet li lil imputata qaltilha li kienu ser jiehdu lit-tifla minn idejha peress li hekk kienet l-procedura u <u>l-imputata m’offriet ebda rezistenza</u>. Qalet li r-rapport li kien dahal kien li t-tifla kienet qed tithalla

wahedha hafna. Qalet li meta t-tifla harget mid-dar in kwistjoni, kienet mahmuga ghalkemm maghhom bdiet tkompli.

Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2004 **xehed PC 887 Stefan Mercieca** [fol 117] fejn qal li fis-sbatax ta' Mejju 2004 kienu rcevew rapport minn zewg persuni tal-Agenzija Appogg li kien hemm tifla abbandunata fil-fond **OMISSIS** u hu u Surgent kienu marru fuq l-post in kwistjoni biex jinvestigaw. Ix-xhud qal li hu tela' fuq bejt ta' certa Roseanne Pullicino li toqghod bieb ma bieb mal-fond in kwistjoni li hu tal-imputata u minn fuq il-bejt ittawwal ghal fuq l-gallarija fejn kien hemm tifla li bdiet titkellem ma Roseanne Pullicino u ma membri tal-Agenzija Appogg.

Meta gie muri r-ritratti dokumenti CSH 1 sa CSH 5, ix-xhud ikkonferma li t-tifla murija fihom hija l-istess tifla li hu ra minn fuq il-bejt tal-gara taghha. Qal li fil-gallarija kien hemm hafna hmieg kif jidher fir-ritratti li aktarx li kien hmieg naturali ta' bniedem. Qal li meta hu staqsa lit-tifla jekk kellhomx xi kelb kbir fid-dar, t-tifla ghal ewwel qaltlu li kellhom pero war rrizulta li kienet immaginazzjoni taghha. Qal li fid-dar kien hemm hafna qtates u waqt li t-tifla kienet tkun tiekol, dawn il-qtates kienu jieklu mill-istess platt taghha. Qal li wara l-bieb tal-gallarija kien hemm gwardarobba li kienet qed tostakola d-dhul ghal gol-kamra. Qal li rrizultalu li t-tifla tant kienet mahmuga li l-pali ta' saqajha dehru homor nar. Qal wkoll li din t-tifla dehret bil-guh hafna.

Illi nhar l-hdax ta' Ottubru 2004 **xehdet Claire Sammut [**124] fejn qalet li tahdem mal-Agenzija Appogg fi hdan d-Dipartiment tal-Harsien. Qalet li kienu dahlu diversi rapporti fil-konfront tal-minuri **OMISSIS**, pero l-aktar wiehed li tiftakar kien dak tas-sbatax ta' Mejju 2004 fejn kienet hi stess involuta fih. Qalet li hi u haddiema socjali ohra marru l- **OMISSIS** fejn kienet tghix t-tifla **OMISSIS** u raw lil din il-minuri minn fuq bejt ta' gara adjacenti mad-dar taghha. Qalet li l-gara kienet qaltilha li jekk l-omm ma tkunx d-dar, t-tifla kienet tohrog fil-gallarija u fil-fatt t-tifla harget. Qalet li t-tifla kienet bil-qalziet u flokk ta' taht mahmugin hafna. Qalet li fil-gallarija kien hemm riha

qawwija t'awrina. Ziedet tghid li kien hemm qoffa bi platt vojt fiha li skond ma qaltilha l-gara, kienet tnizzel lit-tifla biex tiekol xi haga. Qalet li kien hemm wkoll basket tal-plastik li t-tifla kienet tkun trid sabiex ommha ma tindunax li l-gara kienet qed taghtiha tiekol.

Ix-xhud kompliet tghid li staqsiet lit-tifla fejn kienet ommha u din qalet li kienet harget tixtri. Qalet li li meta huma marru fit-tlieta ta' wara nofsinhar, t-tifla stqarret maghha li kien ilha hemmhekk minn filghodu wahedha u li kienet torhog fil-gallarija u toqghod taqra xi kotba hemmhekk. Qalet li meta staqsiet lit-tifla jekk kienetx tinhasel, din wiegbet li kien ilha bil-flokk ta' taht erbgha gimghat u kienet ilha ma tahsel xagharha xi hamsin jum.

Qalet li sussegwentement marret l-ufficju w inhareg interim order mill-Ministeru tal-Harsien Socjali. Qal li wara li regghu marru ghand l-girien fejn sabu diversi haddiema tal-protezzjoni civili li kienu qed johorgu lit-tifla mir-residenza fejn kienet u haduha f'*home* f' **OMISSIS**.

Sussegwentement, fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 sar *case treatment* u l-omm attendiet u nfurmawha li kien ser jinhareg l-*care order*. Qalet li ghamlu kuntatt mal-imputata biex tigbor ittra mill-Ministeru pero l-imputat ma marritx ghal ghal din l-ittra u lanqas ghal ittra mibghuta lilha minnhom. Ziedet tghid li ghalhekk hallew l-ittra l-ghassa, pero lanqas minn hemm ma l-imputata gabritha. Kompliet tghid li fl-ghaxra ta' Gunju 2004, dahal rapport iehor fuq t-tewmin li ghandha l-imputata u kienu marru fid-dar fejn kienet tghix l-imputata f' **OMISSIS** u regghu talbuha tmur l-ufficju taghhom l-ghada, u l-imputata din d-darba marret fejn spjegawlha x'inhi *care order* u biex zzomm kuntatt maghhom dwar t-tewmin.

Qalet li minn dakinhar hi ma kellimitx aktar lil imputata u lanqas ma zammet kunttatt ma bintha. Qalet li f'wahda mir-*residential visits* li ghamlu lit-tifla din kienet qalet li kienet tibza li ommha kienet ser tmur tigborha minn hemm u meta staqsietha jekk rieditx tara lil ommha, t-tifla twerwret u ma rieditx tmur tara lil ommha.

Ziedet tghid li r-rapporti li waslu qabel s-sbatax ta' Mejju kienu jikkoncernaw tifla li kienet tqatta hafna hin wahedha u li kienet tkun mahmuga pero f'dawk il-kazijiet hi ma kientx involta. Qalet li omm l-minuri **OMISSIS** hija l-imputata odjerna. Qalet li l-ewwel darba li marret fuq il-post fis-sbatax ta' Mejju, kien ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar u damet hemm xi ghoxrin minuta flimkien ma xi pulizija. Qalet li wara marru l-ufficju, harget l-*interim care-order* u hemmhekk damet xi nofs siegha jew tlett kwarti. Ziedet tghid li l-Pulizija kienu qalulha li kienu ghamlu kuntatt mal-imputata biex tmur fuq il-post, rawha ghaddejjja pero ma waqfitx fuq il-post. Qalet li dakinhar li marret hi, t-tifla dehret debboli hafna, zaqqha minfuha u saqajha kienu kollha homor u mimlija tbabar u kienet qed thokkhom. Qalet li meta talbu lit-tifla dakinhar biex tidhol gewwa ggib hwejjigha, t-tifla rrispondiethom li ommha ma taghtihiex permess tmiss il-gwardarobba u tilbes xi hwejjeg. Qalet li minn fuq l-bejt setghet tara li l-bieb tal-gallarija kien imbarrad b'gwardarobba u li t-tifla kienet bil-kemm tghaddi minn bejnha u l-hajt.

Illi nhar l-hdax ta' Ottubru 2004 **xehdet Ruth Sciberras [**127] fejn qalet li hi tiehu hsieb l-*management* tas-servizzi kollha tal-Appogg fejn jidhlu tfal u f'Mejju 2004 kienet *leader* fic-Child Protection u xogholha kien jinvolvi ftit kuntatt ma l-imputata odjerna u certu **OMISSIS** direttament. Qalet li l-ewwel kuntatt li kellha ma **OMISSIS**, li hu l-*partner* tal-imputata, kien nhar l-hdax ta' Frar ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar fl-Appogg fejn kien akkumpanjat minn wiehed minn ulied l-imputata, **OMISSIS**. Qalet li fl-erbgha ta' Frar kienet harget ordni temporanja ghal harsien u **OMISSIS** kien mar ghandha ghas-sodisfazzjon ghaliex kienet harget tali ordni. Qalet li r-reazzjoni tieghu kienet wahda li huma ma kienux jafu x'qed jaghmlu u li hu ma kienx l-missier biologiku tal-minuri u li l-missier legali ma kienx jaf bl'ezistenza tat-tifla. Qalet li **OMISSIS** kien qal li meta nhareg d-dokument fl-indirizz legali, ircivewha t-tfal tieghu peress li joqghodu hemmhekk. Qalilhom wkoll li l-ghada li twieldet t-tifla, din tpoggiet f'istitut tal- **OMISSIS**, fejn damet hemmhekk erbgha snin. Kompliet tghid li meta staqsewh jekk jarax xi atteggjament divers fil-konfront tat-tewmin li ghandhom xi

sentejn u t-tifla **OMISSIS** li ghandha xi sitt snin, dan kien qalilhom li kienu jippreferu t-tewmin minn **OMISSIS**.

Qal li dakinhar li kienu sabu lit-tifla wara l-bieb, kemm hu kif wkoll l-imputata kienet waqfitilhom il-karozza u kienu hasbu li l-parti l-ohra kienu nfurmaw lil **OMISSIS** dwar dan u dahlet d-dar. Qal li dakinhar hu u l-imputata kienu hadu lit-tewmin ghal café. Ziedet tghid li fl-istess diskursata **OMISSIS** qalilhom li l-imputat kienet cemplitlu u qaltlu li **OMISSIS** kienet wara l-bieb u li l-credit tal-mobile taghha kien spicca w ghalhekk ma setghetx tikkomunika mieghu. Kompliet tghid li dakinhar huma spjegawlu li tifla ta' sitt snin ma tithalliex gewwa wahedha u **OMISSIS** kien irrispondiha li ma kienx jaqbel maghha peress li t-tifla kienet indipendenti w intelligenti.

Qalilha wkoll li l-imputata ghandha rasha iebsa u biex tmur tiehu l-ghajnuna minghandhom, kellhom jiktbulha. <u>Qalet li ghalhekk baghtu ittri lil imputata diversi drabi u meta ppruvaw jikkuntattjawha bil-mobile dejjem irrifjutat li tmur</u>. Ix-xhud kompliet tghid li fid-dsatax ta' Mejju hi rega' kellha kuntatt ma **OMISSIS**. <u>Ziedet tghid li fil-fatt l-imputata kienet ammettiet maghha li kienet abbandunat w ittraskurat lil bintha</u> **OMISSIS**<u>.</u> Aktar tard l-impuatat kienet regghet cemplet lilha personali u qaltilha li **OMISSIS** gieli sawwatha u kien hemm vjolenza domestika fir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004 **rega' xehed OMISSIS [**167] fejn qal li hu kien ilu jaf lil imputata ghal dawk l-ahhar sitt snin u kien jikkonvivi maghha tul dan il-perjodu. Qal li ghalhekk jaf lil **OMISSIS** ghalkemm ma kienetx il-bint naturali tieghu. Qal li hu kellu ufficju l-Belt u l-imputata kienet tahdem mieghu hemmhekk waqt li l-minuri kienet toqghod ma hutha l-kbar. Kompla jghid li sussegwentement fl-ahhar erbgha snin, peress li hu kellu ntrojtu tajjeb ta' erbat elef lira fix-xahar, hu u l-imputata kienu ddecidew li jibdew jghixu flimkien f'Ta Xbiex flimkien mal-minuri. Ix-xhud qal li fil-*weekend* kienu jmorru l-Corinthia jew r-Radisson u kienu jiehdu lil minuri maghhom.

Qal li **OMISSIS** kienet tmur l-iskola filghodu u l-imputata kienet tigborha wara nofsinhar u l-minuri kienet mizmuma tajjeb fis-sens li kien ikollha hwejjigha tajbin u cioe tad-ditta Benetton u xi toys ta’ Barbie wkoll li kienu jixtrulha huma stess. Qal li l-minuri kienet tattendi l-iskola ta’ **OMISSIS**.

Ix-xhud kompla jghid li darba minnhom hu u l-imputata kienu marru Strasbourg u l-Parlament Ewropew ghal gimghatejn pero lil minuri ma kienux haduha maghhom dakinhar ghaliex kienet baqghet mal-mara tat-tifel tal-imputata. Qal li darba fost l-ohrajn, l-imputata qaltlu li kienet harget tqiba u li kien ser ikollha tewmin minnu. Qal li ftit qabel ma l-imputata welldet t-tewmin, hu u hi w il-minuri **OMISSIS** kienu ghamlu gimgha r-Radisson u waqt li kienu hemm hu kien safa vittma ta’ serq t’eluf kbar ta’ liri u b’hekk hajtu nbidlet f’radda ta’ salib.

Qal li mbaghad hu kien xtara l-*push chairs* u l-*prams* bi kreditu ta’ xahar peress li l-kont kien tela’ ghal cirka sitt mitt lira pero kien hallashom. Qal li kellu kollezzjoni ta’ pitturi melitensia u bieghhom biex gabar l-flus u biegh wkoll Mercedes sabiex jillikwida. Qal li wara dan l-incident hu kien spicca b’hafna pressjoni biex izomm il-familja peress li t-tewmin bdew jiswewh mal-ghaxar liri kuljum w ghalhekk r-relazzjoni bejnu u bejn l-imputata nbiddlet.

Qal li kien jkollhom hafna argumenti, l-imputata waqghet *down* u kienet qaltlu biex it-tifla tibda tmur ghand Mrs Pullicino, pero ma xtaqx li s-sistema tat-tifla tinbidel ghaliex Mrs Pullicino kienet qed tissindikah kulll meta johrog filghodu.

Qal li apparti x-xoghol li kellu, kellu wkoll hanut u fih kien jahdem mit-Tnejn sal-Hadd mill-hamsa w nofs ta’ filghodu sas-sebgha ta’ fighaxija w is-Sibt w il-Hadd mis-sitta sas-siegha ghalkemm minhabba din il-pressjoni kien jispicca zorba filghaxija.

Qal li matul dan z-zmien l-imputata kienet tiehu hsieb lil minuri u lit-tewmin kif wkoll l-qtates u anke hi kienet tispicca zorba aktar minnu. Qal li bhala numru ta’ qtates

kien hemm xi ghoxrin fid-dar li ma kienux jghixu fil-*living quarters*, kienu joqghodu f'parti ohra tad-dar, peress li d-dar kienet wahda kbira hafna.  Ix-xhud kompla jghid li **OMISSIS** fil-kamra taghha kellha minn kollox, ghamara mill-aqwa, *television, video recorder, toys* kif wkoll xi qtates taghha.  Qal li l-uniku nkwiet li kienet taghti lil ommha kien biex tiekol ghaliex l-frott u haxix ma kienetx tkun tridu, kienet tkun trid biss junk food.  Qal li meta rrifjuta li **OMISSIS** tibda tmur ghand Mrs. Pullicino, din tal-ahhar ma bdietx tkellimhom aktar lilu u lil imputata. Qal li darba minnhom kien mar t-tifel ta' Mrs Pullicino ghandhom u staqsih jekk l-qattus taghhom kienx ha xi hamster tieghu u minn dakinhar inqala l-imkwiet bejnhom u Mrs Pullicino.

Ix-xhud kompla jghid li meta l-imputata kellha t-tewmin, ma kienetx qed tahdem.  Qal li minn Jannar sa Mejju 2004 l-imputata ma kellhiex xoghol, salv ghal xi okkazzjoni fejn kienet tghinu xi ftit l' hawn u 'l hinn.  Qal li huma kienu jqumu f'xi l-hamsa w nofs, l-imputata kienet tlesti lil **OMISSIS**, kienet tmur fuq u l-bus stop u l-imputata kienet twassal lilu l-Belt bit-tewmin fil-*car seat* ta' wara.  Qal li xi tlett darbiet jew erbgha biss l-imputata ma kienetx d-dar meta **OMISSIS** kienet tkun d-dar meta tigi mill-iskola.

Illi nhar l-ghoxrin ta' April 2005 **xehdet l-imputata OMISSIS minn jeddha b'mod voluntarju [**176] fejn qalet li hi ghandha sitta w erbghin sena u ghandha sebat itfal. Qalet li zzewwget appena kellha tmintax il-sena u kienet saret taf ta' tlett snin li kienet giet addottata.  Qalet li ommha addottiva kienet ghaddejja minn dipressjoni qawwija u kienet tghidilha li hi ma riedithiex kieku ma kienx ghal missier addottiv u li ommha naturali kienet xtaqet li tabortiha.  Qalet li kienet ostili hafna lejha w ghamlitilha ovvja li ma rieditiex.

Qalet li meta kienet zghira ma kienetx thossha mahbuba w ghalhekk meta kellha certa eta xtaqet li titlaq mid-dar u tizzewweg.  Qalet li missierha addottiv kien jhobbha hafna u kien miet meta kellha ghoxrin sena.  Qalet li ta' sbatax il-sena kienet iltaqghet ma certu **OMISSIS** li hu missier t-tfal taghha.

Qalet li zewgha kien vjolenti maghha, jaqbadha minn ghonqha, jsawwatha b'cintorin u jkisser l-affarijiet tad-dar, jahraq l-ghamara u l-hwejjeg taghha, pero baqghet mieghu minhabba t-tfal. Qalet li kien wasal f'punt li jgieghel lit-tfal jsawwtuha wkoll. Qalet li flus ma kellhiex u zewgha ma kienx jahdem u bdiet tfittex post iehor fejn jigu accettati. Qalet li darba minnhom, meta kellha tlett xhur tqala, zewgha kien tefghalha zarbuna u hargilha d-demm u l-ghada abbandunat darha u bdiet proceduri ghal separazzjoni. Qalet li wara dan zewgha kien ordnat mill-Qorti jitlaq mid-dar matrimonjali pero xorta baqa hemmhekk. Qalet li kellhom xi djun mal-BOV u spiccat b'mandat ta'zgumbrament mid-dar taghha. Qalet li ppruvat tahdem peress li dak z-zmien kellha erbat itfal u xtaqithom jistudjaw. Qalet li meta kibru ftit bdew johorgu u hi bdiet tohrog wkoll w iltaqghet ma ragel li hasbet li kien iridha bis-serjeta, meta fil-fatt ma kienx. Qalet li wara sena w nofs tohrog mieghu, harget tqila u kellha lil **OMISSIS**.

Qalet li barra li kien johrog maghha, dan kien johrog wkoll ma ohra w ghalhekk marret ghandu biex tghidlu li peress li kien gharus ma kienetx ser tibqa tohrog mieghu u ma qaltlux li kienet harget tqila minnu biex ma tikkumplikax l-affarijiet. Qalet li meta waslet biex tehles kienet fethet qalbha ma habiba ingliza li marret maghha l-isptar biex tixtri t-tarbija **OMISSIS**. Qalet li kienet bezghet tmur d-dar taghha ghaliex kienet tahseb li jekk isir jaf missier t-tfal taghha kien jaqlalha skoss problemi u kienet qed thossha mbarazzata minn uliedha wkoll peress li ma kienetx qaltilhom xejn bit-tqala. Ghalhekk marret ghand *social worker* sabiex iddahhal lit-tifla f'istitut u dahhlitha l-**OMISSIS**.

Qalet li lit-tifla kienet tmur tarha kuljum u anke hemm ghamditha u peress li kienet qalet lil bintha l-kbira **OMISSIS** li kellha tifla, kienet ghamlitha parrina ghal **OMISSIS**.

Spjegat li darba kien cemplilha s-Sur **OMISSIS** biex tmur kellmu l-ufficju peress li kien hemm kumpanija li kienet qabditu johrog l-mandati fil-konfront taghha u spiccat biex

aktar tard bdiet relazzjoni mieghu u talabha biex tmur tghix mieghu f'Ta' Xbiex, u hekk ghamlet. Qalet li t-tifla l-kbira taghha kienet marret tghix ghal rasha w t-tlett subien kienu jghixu fid-dar taghha. Qalet li wara tlett snin u nofs hadet lil **OMISSIS** tghix maghha u ma dan **OMISSIS**. Qalet li sussegwentement bdiet tahdem mieghu pero ma kienx jaghtiha paga, ghalkemm gieli taha xi haga tal-flus.

Qalet li dan Buttigieg wkoll spicca jerfa idejh fuqha u darba minnhom fekkilha l-kustidji. Qalet li dan meta kienu jkunu d-dar kien isakkar il-bieb ta' barra w izomm c-cavetta fuqu w ghalhekk bdiet tahseb kif setghet tahrab minn taht idejh. Qalet li darba minnhom kien hadha hdejn s-Salib tal-Gholja, hareg injama kbira u heddidha li jifgagha u joqtolha jekk taghmel kuntat mat-tfal jew mal-pulizija. Qalet li meta rnexxilha tahrab, baqghet sejra l-BOV fejn kellha tlett elef lira u gibdithom u baqghet sejra l-ghassa tal-Belt titlob l-ghajnuna u dawn kienu haduha l-Appogg u minn hemm spiccat f'dar taghhom fil-Blata l-Bajda.

Qalet li dak iz-zmien t-tifla kienet qed tiehu hsiebha t-tifla l-kbira taghha. Qalet li xi gimgha wara kienet cemplitilha l-Ispettur Louise peress li kien mar ghandha **OMISSIS** u qalilha li kien jhobbha hafna u li xtaq jerga jirranga maghha. Kompliet tghid li meta hi rritornat lura ma **OMISSIS**, dakinhar stess kien taha xebgha kbira u kienet irrikorriet ghandha ommha biex izzommha u tghinha.

Qalet li ommha kienet tatha xi sebgha w erbghin elf lira minn taghha li poggiethom fil-kont ta' **OMISSIS** peress li kellha mandat ta' sekwestru fuqha u marret tghix mieghu l- **OMISSIS** flimkien ma **OMISSIS**.

Qalet li aktar tard regghet harget tqila minn dan **OMISSIS** bit-tewmin li baqghu jghixu maghha, ma **OMISSIS** u ma **OMISSIS**. Qalet li **OMISSIS** kien baqa aggressiv maghha u kien xtara *revolver* minghand certu **OMISSIS** maghruf bhala l- **OMISSIS** mill-Belt u li kien jghidilha li jekk tmur tara lit-tfal l-ohra taghha, kien ser jisparalha. Qalet li qabel ma ltaqghet ma **OMISSIS** kienet taghmel xoghol ghal rasha u dejjem kellha l-flus pero wara ma

kellhiex flus f'idejha. Qalet li xi zmien ma kelliex flus biex thallas il-*mini bus* tal-iskola ta' **OMISSIS** w id-driver beda jgerger w ghalhekk waqfet tibghatha bil-vann l-iskola. Qalet li **OMISSIS** kien ikun irid il-karozza taghha ghax-xoghol u li jekk ma taghtihx l-karozza kien jghidilha li jisplodiha w ghalhekk waslu ghal kompromess li jwasslu lil **OMISSIS** l-iskola u wara twassal lilu x-xoghol. Qalet li kienet twasslu filghodu, iggibu f'nofs inhar, terga tiehdu u terga tmur ghalih filghaxija.

Qalet li ma regghetx poggiet lil **OMISSIS** fl-istitut peress li hassitha *guilty* peress li kienet ghaddiet minn trobbija difficili hi stess. Qalet li **OMISSIS** kien geluz hafna u ma setghet taghmel xejn peress li kien jheddidha l-hin kollu. Qalet li spiccat lanqas tixtri x'tilbes, xagharha spiccatilha bajda u kien jkollha torbotha u lanqas flus biex taghmel l-*lunch* ghal Jasmine ma kien jkollha w ghalhekk gieli anke fallietilha l-iskola biex ma tkunx izolata u jghidu biha. Qalet li darba minnhom sahansitra anke lil kappillan tal-**OMISSIS** kellmet biex forsi jaghtiha xi flus u kien taha biss zarbun. Mistoqsija jekk kienetx tircievi ghajnuna socjali, wiegbet fin-negattiv u dan peress li ma kienetx tghix wahedha. Qalet li kienet tircievi biss mija w ghaxar liri fix-xahar. Mistoqsija jekk kienetx thallas l-kambjali tal-vettura taghha, ix-xhud wiegbet li gieli iva u gieli le u meta kienet thallas kien taghmel dan mir-relief li kienet tircievi.

Qalet li wara xi zmien bdiet tiehu ftit ftit xi hwejjeg taghha fid-dar ta' Hal Balzan bil-mohbi ta' **OMISSIS** u meta induna, spicca taha daqqa ta' ponn u kellha taghmel xi punti. Qalet li wara kienet telqet minn hemm.

Qalet li fix-xhur ta' April u Mejju 2004 din kienet s-sitwazzjoni u gieli ghamlet gimgha ma tahsilx lil **OMISSIS**. **OMISSIS** kien jghidilha li jekk titlaq, uliedha ma jsibuhiex w ghalhekk kienet qalet lit-tifel il-kbir taghha li jekk tigi nieqsa kellu jmur ghand l-avukat taghha ghaliex **OMISSIS** ikun ghamlilha xi haga. Qalet li f'Mejju 2004 lanqas kienet tiflah tahseb. Kellha hmistax il-qattus li kienet izzommhom fil-garaxx u **OMISSIS** kellha qattus wiehed biss. Qalet li meta kienet tmur d-dar ta' Hal Balzan bil-hwejjeg li kienet tiehu, lil **OMISSIS** kienet issakkarha fil-

kamra taghha biex jekk **OMISSIS** jistaqsiha xi haga, ma jizolqilha xejn. Qalet li ma ssuspettatx li **OMISSIS** kienet ser toqghod tohrog fil-gallarija tant li kienet ghalqet il-bieb tal-gallarija bi gwardarobba, izda xorta kienet tghaddi. Qalet li fil-kamra kienet thalliha ghal diversi sieghat filghodu waqt li hi kienet tkun bit-tewmin. Qalet li l-hajja ma kienetx facli ghaliha. Qalet li kien hemm okkazzjoni fejn il-karozza taghha waqfet tlett darbiet f'gimgha wahda w ghalhekk bdiet thalli nota mal-bieb biex t-tifla tkun infurmata b'dan.

Qalet li t-tifla kellha sens bizzejjed biex ma tohrogx mid-dar. Cahdet l-allegazzjoni li kienet thalli lit-tifla msakkra barra tas-sitta ta' filghaxija u dan ghamlitu biss f'tlett okkazzjonijiet f'gimgha wahda biss. Qalet li llum il-gurnata hi *single mother* u peress li t-tewmin kienu waslu li jibdew imorru l-iskola kellha l-intenzjoni li ssib xoghol u tibda tahdem. Qalet li hi bniedma weak hafna u kellha *low self-esteem* taghha nnifisha. Ix-xhud esibit certifikati medici fil-konfront taghha, *statement* tal-flus li kienet iddejnet mill-bank, lista tad-djun li kellha ma BOV, decizjoni tat-Tribunal Eklesjastiku dwar l-ewwel zwieg taghha li kien gie dikjarat null a bazi ta' vjolenza u zewg ritratti ta' **OMISSIS**.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' April 2005 **regghet xehdet l-imputata OMISSIS in kontr'ezami [**196] fejn meta giet mistoqsija jekk ippresentatx kwereli ohra apparti dik rigwardanti l-incident f'Mejju 2004, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u dan ghaliex **OMISSIS** kien dejjem jheddiha li jekk tirrapporta, kien ser ipatihiela. Qalet li f'dak iz-zmien kien ghad kellha l-vettura **OMISSIS** bin-numru ta' registrazzjoni **OMISSIS**.

Qalet li l-ewwel darba li l-pulizija dahlet f'dan il-kaz kien fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 meta sabu lit-tifla taghha wara l-hasira u cioe meta kienet waqfitilha l-karozza peress li ma kellhiex petrol. Regghet qalet li l-vettura taghha kienet waqfitilha tlett darbiet u darba minnhom kienet cemplet lil tal-RMF. Qalet li darbtejn kienet bla petrol u darb'ohra kellha xi hsara.

Mistoqsija jekk setghax jaghti l-kaz li l-karozza taghha waqfet f'Marzu u mhux f'Jannar, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf regghet qalet li tlett darbiet biss halliet lit-tifla wara l-bieb.  Mistoqsija meta kien li kiteb d-dokument C esibit fl-atti, ix-xhud qalet li l-ghada li kienet waqfitilha l-karozza u dan ghaliex meta kienet tigi t-tifla mill-iskola hi kienet dejjem tkun d-dar.

Ikkonfermat li darba minnhom kienet ghaddejja minn hdejn d-dar taghha u rat lil tac-civil protection u ma waqfitx biex tara x'kien gara peress li sthat.  Mistoqsija mill-Qorti jekk kienetx kellmet lil avukat taghha biex tkun tista tara lil bintha, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u li lanqas l-*care order* li harget mill-Ministru ma kkontestat.  Ix-xhud qalet li jiddispjaciha talli gara u li kien veru li f'xi zmien kienet ittraskurat lil bintha, pero anke lilha nnifisha kienet ittraskurat tant li minn size 12 nizlet ghal size 8.

Mistoqsija minn kien jitma lil qtates ix-xhud qalet li **OMISSIS** kellu hanut u kien igibilhom l-ikel hu li kien skadut u ghalhekk bdiet titmaghhom hija.  Qalet li minghand l-*grocer* kienet tixtri bid-dejn u darba minnhom anke ma tal-*pet shop* kellha d-dejn.  Qalet li bintha qatt ma qaltilha li kienet tkun bil-guh u li kienet taghmel l-bzonnijiet taghha fil-gallarija ghaliex ma kienetx tmur fiha. Qalet li lit-tifla dejjem ippruvat taghtiha dak kollu li setghet. Ix-xhud esibit dokument SD li hu rapport tal-iskola biex turi li t-tifla kienet tmur tajjeb l-iskola.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **xehed Joseph Calleja** [203] fejn qal li lil imputata ilu jafha xi tnax il-sena u kienet avvicinatu peress li xtaqet tikkreja *awareness* ta' nisa msawwta.  Qal li darba minnhom, peress li hu kien fuq dan il-*panel* ta' nisa msawwta flimkien ma erbgha nisa ohra, meta spiccaw l-laqghat, kienet qamet wahda minn dawn in-nisa u taghtu bewsa ghal New Year u hu, meta mar biex jaghmel l-istess lil imputata, din ingibdet lura. Qal li fil-vicinanzi kien hemm zewgha u dan minhabba dan l-incident kien dam erbgha snin isegwih u jghid li hu kellu relazzjoni mal-imputata.  Qal li l-allegazzjonijiet li zewgha kien jaghmel fil-konfront tal-imputata, kien jaghmilhom wkoll fil-konfront ta' hafna nies ohra, inkluz professjonisti.

Kien jitterrorizza lil mara tieghu minn kull ghajnuna possibbli. Qal li darba minnhom zewgha kien mar c-Centru fejn kien jahdem hu ma Spettur tal-Pulizija u zewg pulizija ohra u ried bilfors li jinhareg *care order* fuq wiehed mit-tfal tieghu ghaliex allega li martu kienet timmaltratta lil dan t-tifel, pero meta investiga l-kaz rrizultalu li ma kienx veru u zewgha beda jinsulentah b'mod oxxen w anke fizikament attakkah.

Qal li l-imputata ghandha problema fis-sens li ssibha difficili titlaq lir-ragel anke jekk jimmaltrattaha. Qal li wara li telqet lil zewgha, l-imputata kienet cemplitlu u qaltlu li kienet harget tqila u hu kien irrangalha sabiex it-tifla **OMISSIS** tiddahhal l- **OMISSIS** bla ma jkun jaf hadd biex jevita li l-imputata taqla xi xebgha ohra minghand zewgha. Qal li sakemm damet il- **OMISSIS**, l-imputata kienet tmur taraha kull meta kellha oppottunita u fil-fatt kien ghamel arrangament mas-sorijiet f'dan is-sens. Qal li kemm kien ilu jaf lil imputata, dejjem jafha terrorizzata. Qal li hi dominata aktar milli qatt kienet minn ma zewgha u ma hiex mentalment f'posizzjoni li tiehu decizjoni la rigward l-persuna taghha u lanqas t'uliedha minhabba dan il-bniedem. Qal li hu sar jaf li omm l-imputata kienet taghtha xi hmistax il-elf lira li zewgha ha taht idejh u biex tixtri xi haga kuljum kien ikollha titlob lilu. Qal li hu kien *social worker* ta' **OMISSIS** ghal ewwel tlett snin taghha biss.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2005 **xehdet Emily Micallef** [243] fejn qalet li hi toqghod fi Triq **OMISSIS** zewg passi boghod minn fejn toqghod l-imputata odjerna. Qalet li l-imputata ghamlet xi sena u nofs tghix hemmhekk u sussegwentement kienet telqet u r regghet marret tghix f' **OMISSIS** recentement. Qalet li tafha wkoll peress li t-tnejn li huma jhobbu l-annimali. Qalet li dak iz-zmien bint l-imputata kienet tkun dejjem pettinata pulit u kienet tara lil imputata zzomm idejn t-tifla sakemm jasal l-vann tal-iskola u wara kienet tiltaqa maghha meta tigi lura mill-iskola. Qalet li wara li telqet minn **OMISSIS**, l-imputata marret tghix l- **OMISSIS** u kienu jikkorrispondu bejniethom bl-SMS. Qalet li meta kienet rat lil imputata l-**OMISSIS**, kienet naqset hafna u kienet tidher ghajjiena. Qalet li l-

imputata kienet tibza hafna mill-*partner* taghha peress li kien isawwatha u kien hadilha flusha kollha. Qalet li zewgha kien anke hajjarha tbiegh d-dar ta' **OMISSIS** u hi kienet hassritilha li taghmel dan. Qalet li t-tfal l-ohra tal-imputata kienu jirrispettawha hafna ghalkemm ma kienux jingwalawha mal-*partner* taghha. Mistqosija jekk qattx innutat xi haga fuq il-persuna tal-imputata, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u dan peress li kien zmien x-xitwa meta kienet taraha u ma kienetx tkun bil-kmiem qosra.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li t-tifla minuri **OMISSIS**, li skond c-certifikat li hemm esibit a fol 96 tal-atti markat bhala dokument JM 1, kellha sitt snin fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, kienet qed tkun abbandunata minn omm l-minuri ghal diversi xhur qabel Mejju 2004, u dan kif gie konfermat minn diversi xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri kif wkoll sa certu punt mill-imputata stess u l-*partner* taghha **OMISSIS**.

Illi t-tobba spjegaw l-istat infelici w iddisprat li nstabet fih il-minuri tant li kienet *undernourished* tant li kellha pis biss ta' ghoxrin kilo, kellha l-kustilji taghha mqabbzin 'l barra, kellha *distended stomach*, mimlija gdiem tal-insetti u gisimha kien mislugh kollu, kellha riha qawwija t'awrina u fil-fatt kienet ilha zmien twil ma tinhasel.

Il-girien u l-membri tal-Agenzija Appogg u l-membri tal-protezzjoni civili, kif wkoll l-pulizija, kollha ddeskrivew l-kondizzjoni kif instabet t-tifla u cioe f'gallarija liebsa hwejjeg ta' taht inkallati bil-hmieg, imdawwra bi qtates u hmieg naturali kemm taghha kif wkoll tal-annimali. Spjegaw kif kienet tkun bil-guh u tiekol kull ma jaghtuha l-girien.

L-imputata stess tghid li kienet thalliha msakkra f'kamra li tinfed ghal gallarija bi gwardrobba mal-bieb. Is-sitwazzjoni xejn ma kienet felici u fil-fatt din il-povera tifla ghaddiet minn problemi kbar sa mill-bidu tat-twelid taghha.

It-tifla twieldet minn missier mhux maghruf, tpoggiet f'Istitut ghal tlett snin shah w imbaghad giet mehuda d-dar minn ommha l-imputata u bdiet tghix maghha u mal-*partner* taghha u hutha. Jirrizulta li t-tifla ghamlet zmien qasir tghix hajja komda pero artificjali u wara regghet waqghet ghal din il-miserja fuq imsemmija.

L-imputata ma tichadx li hija abbandunat lil bintha minuri Jasmine u mhux lil ulied l-ohra pero tattribwixxi dan kollu ghal fatt li kienet mahqura minn **OMISSIS** li kien il-*partner* taghha. Spjegat kif **OMISSIS** seraqha minn flusha li kienu gew moghtija lilha minn ommha u kif kienet spiccat terrorizzata minnu. Dan pero ma tghidx kif irrifjutat l-ghajnuna li riedu jaghtuha l-girien kif wkoll l-membri tal-Appogg u l-Pulizija.

Il-Qorti temmen li verament l-imputata ghaddiet minn diversi problemi f'hajjitha pero zgur li ma tistax taccetta li dawn l-problemi kollha jistghu jkollhom riflessjoni fuq din t-tifla minuri.

Il-Qorti ssibha difficli taccetta kif l-imputata iddecidiet li tabbanduna lil minuri **OMISSIS** u mhux lil uliedha l-ohra jew li tabbanduna lil **OMISSIS** u ma titlobx l-ghajnuna tal-ulied il-kbar fit-trobbija tal-minuri **OMISSIS**. Il-fatt li l-imputata kienet ghaddejja minn problemi kbar ta' finanzi u li stabbiliet relazzjoni taghha mal-*partner* taghha, qatt ma kellu jkollhom effett li jgiegheluha tittratta ma bintha minuri **OMISSIS** b'dan il-mod annimalesk.

Il-Qorti jiddispjaciha sincerament tara li tifla brava, indipendenti u kif deskritta minn kulhadd, ta' natura semplici, tigi trattata b'dan il-mod minn ommha naturali u dan ghal certu zmien kontinwu.

L-imputata messha talbet l-ghajnuna ta' terzi jekk ma kienetx f'posizzjoni li tiehu hsiebha. Sahansitra diga kellha din l-opportunita ghaliex s-sorijiet tal- **OMISSIS** kienu rabbew din t-tifla ghal perjodu ta' tlett snin shah.

Il-Qorti qatt ma tista taccetta kif l-imputata tassisti lil *partner* taghha billi twasslu w iggibu minn hawn ghal

hemm, tiehu hsieb t-tewmin li kellha u lil uliedha kbar u fl-istess hin tiskarta l-pariri kollha siewja li kienet qed tinghata dwar l-minuri **OMISSIS**, u twebbes rasha u thalliha sighat twal fil-gallarija.

Il-Qorti eziminat l-fedina penali tal-imputata esibita a fol 3 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputata diga ghandha tlett convictions registrati fuqha meta nstabet hatja ta' misapproprjazzjoni ta' flus li kienu jappartjenu lil Federazzjoni tal-Brain Injured Children meta nghatat sentenza ta' prigunerija ta' sitt xhur spispizi ghal sena u li thallas s-somma ta' elf lira lil din il-federazzjoni, ta' falsifikazzjoni ta' dokument pubbliku meta nghatat unconditional discharge u talli kkommettiet xi reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku fejn giet ikkundannata ghal hlas ta' multa.

Il-Qorti rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v **OMISSIS** esibita a fol 97 tal-atti bhala dokument JM 2 fl-atti, pero innutat li din s-sentenza ma gietx ikkonfermata fil-konfront tal-imputata w ghalhekk, a bazi ta'dan in-nuqqas, il-Qorti ma tistax issib lil imputata hatja tal-akkuza ta' recidiva.

**Il-Qorti** rat l-artikoli 18 u 246 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lil imputata OMISSIS hatja tal-ewwel akkuza u tikkundanha ghal piena ta' tmintax [18] il-xahar pringunerija effettiva filwaqt li ma ssibhiex hatja tal-akkuza ta' recidiva, mill-liema akkuza qed tilliberha.**

**Il-Qorti tinnota li l-piena massima ghar-reat in desamina taht l-artikolu 246 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ta' sena pero hija thoss li stante li dan hu reat kontinwat, hija ghandha zzid l-piena bi grad u kien ghalhekk li hija kkundannat lil imputata ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar.**

**Fl-interess suprem tal-minuri il-Qorti qed tordna l-projbizzjoni tal-isem u l-konnotati kollha tal-imputata**

**<u>u tal-minuri kif wkoll tal-isem tal-iskola fejn kienet tattendi l-istess minuri fuq il-mezzi kollha tax-xandir.</u>**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------